KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 31.08.2005
KUMM(2005) 399 finali

2005/0166 (COD)

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar it-twaqqif ta' iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga

(imfassla mill-ġdid

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

(1) IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Il-bażi għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 302/93 dwar it-twaqqif ta' Ċentru Ewropew dwar it-twaqqif ta' Ċentru Ewropew għal Sorveljar dwarDroga u l-Vizzju tad-Droga ġie emendat tliet darbiet. Aktar emendi huma meħtieġa sabiex b'mod partikolari jiġi estiż ir-rwol taċ-Ċentru sabiex jinkludi l-istudju ta' xejriet ġodda fl-użu tad-droga li jinvolvu l-użu flimkien ta' sustanzi psikoattivi legali u illegali u sabiex tkun adattata l-ħidma tal-Bord tal-Ġestjoni taċ-Ċentru sabiex ikun meqjus it-tkabbir ta' l-UE. Għalhekk deher xieraq li jkun riformulat ir-Regolament, fl-interess taċ-ċarezza.

- **Il-kuntest ġenerali**

Lejn l-aħħar ta' l-2003, il-Kummissjoni ppreżentat proposta riformulata għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 302/93 (COM(2003)808). Il-bażi legali magħżula kienet l-artikolu 308, l-istess li kien intuża fir-regolament tat-twaqqif ta' l-EMCDDA.

Il-Parlament Ewropew ġie kkonsultat u ta Opinjoni f'April 2004.

Wara diversi xhur ta' diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill (Grupp Orizzontali dwar id-Droga) ġie deċiż li l-bażi legali tal-proposta tinbidel għall-artikolu 152, li jimplika l-proċedura tal-kodeċiżjoni.

Sabiex tkun possibbli konsultazzjoni kif xieraq tal-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni ddeċidiet li tippreżenta proposta ġdida riformulata.

Din il-proposta tħassar u tieħu post il-proposta preċedenti tal-Kummissjoni.

- **Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Ir-regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 302/93 u t-tliet regolamenti li jemendawh li qed jiġu riformulati.

- **Konsistenza ma' *policies* u għanijiet oħra ta' l-Unjoni**

Dan ir-regolament huwa konsistenti ma' *policies* u għanijiet oħra ta' l-Unjoni.

(2) IL-KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TA' L-IMPATT

- **Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Mhux rilevanti.

- **Ġbir u użu ta' pariri ta' esperti**

Ma kienx hemm bżonn ta' konsultazzjoni ma' esperti esterni.

- **Valutazzjoni ta' l-impatt**

Ma saritx valutazzjoni ta' l-impatt.

Din il-proposta tikkostitwixxi riformulazzjoni ta' regolament eżistenti.

(3) ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- **Sommarju ta' l-azzjoni proposta**

L-emendi proposti jistgħu jinqasmu fil-kategoriji li ġejjin:

- dawk maħsuba sabiex ikabbru r-rwol taċ-Ċentru, b'mod partikolari sabiex jitqiesu x-xejriet ġodda fl-użu tad-droga, u sabiex iċ-Ċentru jingħata l-possibilità li jiżviluppa għodda u strumenti sabiex jiffaċilita l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-*policies* u l-istrateġiji rispettivi tagħhom dwar id-droga.

- dawk maħsuba sabiex ikun adattat l-operat tal-korpi ta' l-EMCDDA biex jitqies it-tkabbir. Ir-Regolament iwaqqaf Kumitat Eżekuttiv sabiex jgħin lill-Bord tal-Ġestjoni.

- dawk maħsuba sabiex jagħmlu r-Regolament ta' l-EMCDDA konformi ma' l-abbozz tal-Kummissjoni għal ftehim interistituzzjonali dwar qafas għall-aġenziji regolatorji Ewropej (COM(2005)59).

- dawk li jikkodifikaw it-tliet emendi għar-Regolament bażiku diġà adottat mill-Kunsill. L-ewwel emenda introdotta mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3294/94 tat-22 ta' Diċembru 1994 u l-aħħar waħda introdotta mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1651/2003 tat-18 ta' Ġunju 2003 għandhom x'jaqsmu ma' l-armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet finanzjarji applikabbli għall-korpi deċentralizzati tal-Komunità. It-tieni emenda introdotta mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2220/2000 tat-28 ta' Settembru 2000 wessgħet ir-responsabbiltajiet ta' l-EMCDDA u issa tista', fuq talba tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, tipprovdi għajnuna teknika lill-pajjiżi kandidati.

- dawk maħsuba sabiex ineħħu numru ta' inċertezzi li rriżultaw meta ġie applikat ir-Regolament inizjali. B'mod partikolari, dan jirrigwarda r-referenza għall-punti fokali Reitox, minflok iċ-ċentri speċjalizzati.

- **Bażi legali**

Il-bażi legali magħżula hija l-artikolu 152, li jistabbilixxi li l-Komunità għandha tikkumplimenta l-miżuri ta' l-Istati Membri fit-tnaqqis tal-ħsara lis-saħħa minħabba d-droga, inklużi dawk ta' informazzjoni u prevenzjoni.

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika sakemm il-proposta ma' taqax taħt il-kompetenza esklussiva tal-Komunità.

L-għanijiet ta' din il-proposta ma jistgħux jinkisbu għal kollox mill-Istati Membri għar-raġuni(jiet) li ġejja(in)

L-għan taċ-Ċentru huwa li jipprovdi lill-Komunità u lill-Istati Membri b'informazzjoni oġġettiva, affidabbli u komparabbli fuq livell Ewropew dwar id-droga, id-dipendenza fuq id-droga u l-konsegwenzi tagħhom.

Data komparabbli fuq livell Ewropew tista' tinkiseb aktar faċilment minn korp b'dimensjoni Ewropea.

Azzjoni komunitarja twettaq aħjar l-għanijiet tal-proposta għar-raġuni(jiet) li ġejja(in).

Il-ġbir u t-tixrid ta' *data* komparabbli fuq livell Ewropew jinkisbu aħjar bil-ħolqien taċ-Ċentru.

Iċ-Ċentru kien stabbilit aktar minn 10 snin ilu; ix-xogħol li huwa żviluppa fil-qasam juri b'mod ċar li hija meħtieġa azzjoni mill-UE.

Iċ-Ċentru għandu għad-dispożizzjoni tiegħu Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni dwar id-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (Reitox), li jikkonsisti f'punt fokali wieħed għal kull Stat Membru. L-identifikazzjoni ta' punti fokali nazzjonali hija r-responsabbilità esklussiva tal-pajjiżi kkonċernati. Iċ-Ċentru jaħdem l-aktar fuq il-bażi ta' *data* pprovduta mill-punti fokali nazzjonali.

Il-proposta hija għalhekk konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju ta' proporzjonalità għar-raġuni(jiet) li ġejja(in).

Dan ir-regolament ma jmurx lilhinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu l-għanijiet tiegħu.

Il-piż finanzjarju u amministrattiv huwa proporzjonat ma' l-għan tal-proposta.

- **Għażla ta' strumenti**

L-istrumenti proposti: regolament.

Mezzi oħra ma jkunux adattati għar-raġuni(jiet) li ġejja(in):

Din il-proposta tikkonsisti f'riformulazzjoni tar-Regolament li jwaqqaf l-EMCDDA.

(4) IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta m'għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit Komunitarju.

(5) INFORMAZZJONI ULTERJURI

- **Simplifikazzjoni**

Il-proposta tistipula simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

Hija riformulazzjoni tar-Regolament 302/93 u r-regolamenti li jemendawh.

- **Abrogazzjoni ta' leġiżlazzjoni eżistenti**

L-adozzjoni tal-proposta se twassal għall-abrogazzjoni ta' leġiżlazzjoni eżistenti.

- **Riformulazzjoni**

Il-proposta tinvolvi riformulazzjoni.

- **Spjegazzjoni dettaljata tal-proposta**

Ir-Regolament tal-Kunsill fih 25 artikolu. Xi wħud minnhom huma ġodda; oħrajn ġew adattati jew ma ġewx mibdula. Il-premessi ġew emendati fejn meħtieġ skond il-bidliet fit-test tar-Regolament, u bil-għan li jingħataw raġunijiet konċiżi għad-dispożizzjonijiet sostantivi ewlenin ta' l-att.

L-emendi l-aktar sinifikanti jirrigwardaw l-artikoli li ġejjin:

Artikolu 2 jelenka l-funzjonijiet ta' l-EMCDDA. Huwa ġie adattat: issa jistipula li x-xogħol ta' l-EMCDDA ta' ġbir, reġistrazzjoni u analiżi għandu jkopri wkoll *data* dwar xejriet li jkunu qed jiżviluppaw fil-qasam ta' l-użu ta' drogi differenti flimkien, inkluż l-użu flimkien ta' sustanzi psikoattivi legali u illegali. Minbarra dan, f'dak li jirrigwarda t-titjib tal-metodoloġija tat-tqabbil tad-*data*, jitlob mill-EMCDDA li joħloq għodda u strumenti sabiex

jiffaċilita l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' l-Istati Membri u tal-Kummissjoni tal-*policies* u l-istrateġiji rispettivi tagħhom dwar id-droga. Fl-aħħar, il-firxa ta' l-għajnuna teknika taċ-Ċentru hija estiża għall-pajjiżi kollha awtorizzati minn Kunsill Ewropew sabiex jieħdu sehem fil-programmi u l-aġenziji tal-Komunità.

Artikolu 3 jirrigwarda l-oqsma ta' attività ta' prijorità ta' l-EMCDDA. L-Anness ji jikkonċerna dan l-artikolu ġie emendat u issa jispeċifika l-oqsma ta' attività ta' prijorità li ġejjin għall-EMCDDA: il-monitoraġġ ta' l-istat tal-problema tad-droga u x-xejriet li jkunu qed jiżviluppaw, il-monitoraġġ tas-soluzzjonijiet għal problemi relatati mad-droga, stima tar-risjki ta' sustanzi psikoattivi ġodda u t-tħaddim ta' sistema ta' informazzjoni rapida, l-iżvilupp ta' għodda u strumenti sabiex ikunu faċilitati l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni mill-Istati Membri u l-Kummissjoni tal-*policies* u l-istrateġiji rispettivi tagħhom dwar id-droga.

Artikolu 5 jirrigwarda ċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (Reitox). Dan ġie adattat sabiex jagħti status legali lill-punti fokali nazzjonali tar-Reitox u sabiex jiddefinixxi l-funzjonijiet tagħhom b'mod ċar.

Artikolu 8 jirrigwarda l-istatus legali taċ-Ċentru. Ġie adattat sabiex jitqies il-fatt li ċ-Ċentru għandu sede.

Artikolu 9 jirrigwarda l-kompożizzjoni u r-rwol tal-Bord tal-Ġestjoni. Huwa ġie emendat: inħoloq ir-rwol ta' Viċi-President; huwa speċifikat il-fatt li l-membri tal-Bord tal-Ġestjoni li jirrappreżentaw pajjiżi li kkonkludew ftehim skond l-Artikolu 21 ma jivvutawx.

Artikolu 10 huwa artikolu ġdid li jwaqqaf Kumitat Eżekuttiv li r-rwol ewlieni tiegħu huwa sabiex iħejji deċiżjonijiet għall-Bord tal-Ġestjoni.

Artikolu 11 jirrigwarda r-rwol u r-responsabbilitajiet tad-Direttur. Huwa ġie emendat sabiex jitqiesu l-linji gwida riċenti tal-Kummissjoni dwar l-għoti u l-estensjoni tal-mandati tad-Diretturi ta' l-Aġenziji tal-Komunità. Jgħid ukoll li, malli jiġi appuntat, il-kandidat għall-post ta' Direttur għandu jkun mistieden sabiex jagħmel stqarrija quddiem il-Parlament Ewropew. Huwa jispeċifika li d-Direttur huwa responsabbli għall-evalwazzjoni tax-xogħol taċ-Ċentru.

Artikolu 12 huwa ġdid. Huwa jistipula s-smigħ tad-Direttur mill-Parlament Ewropew dwar kull suġġett relatat ma' l-attivitajiet taċ-Ċentru.

Artikolu 13 jirrigwarda l-Kumitat Xjentifiku ta' l-EMCDDA. Huwa ġie emendat sabiex jitqies ir-rwol li ngħata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-10 ta' Mejju 2005 dwar l-iskambju ta' l-informazzjoni, l-istima tar-riskju u l-kontroll ta' sustanzi psikoattivi ġodda.

Artikolu 16 dwar il-ġlieda kontra l-frodi huwa ġdid. Huwa jistipula li fir-rigward tal-ġlieda kontra l-frodi, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1073/1999 dwar l-investigazzjonijiet immexxija mill-OLAF japplikaw għall-Aġenzija.

Artikolu 23 dwar ir-rapporti ta' evalwazzjoni dwar ix-xogħol ta' l-EMCDDA ġie emendat. Dan issa jobbliga li jkun hemm evalwazzjoni esterna tax-xogħol taċ-Ċentru, inkluża s-sistema Reitox, li għandha ssir kull sitt snin. Fuq il-bażi ta' din l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni tista', jekk ikun xieraq, tippreżenta proposti bil-għan li jkun emendat ir-Regolament ta' l-EMCDDA.

Artikolu 24 huwa Artikolu ġdid li jħassar ir-Regolament bażiku ta' l-EMCDDA ta' l-1993 mill-jum tad-dħul fis-seħħ ta' l-att tar-riformulazzjoni.

2005/0166(COD)

Proposta għal

↓ 302/93 (adattat)
⇨ ġdid

REGOLAMENT (KE) Nru […] TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-[...]

dwar ~~it-twaqqif ta'~~ iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu ~~235~~ ⇨ 152 ⇦ tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[2],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[3],

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat[4],

Billi:

↓

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 302/93 dwar it-twaqqif ta' Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga[5] ġie emendat b'mod sostanzjali diversi drabi[6]. Peress li għandhom isiru aktar emendi, għandu jkun riformulat fl-interess taċ-ċarezza.

↓ 302/93

~~Billi fil-laqgħa tiegħu f'Dublin fil-25 u s-26 ta' Ġunju 1990, il-Kunsill Ewropew:~~

~~— rratifika l-«Linji ta' Gwida għal Pjan Ewropew ta' Ġlieda kontra d-Droga» li kien sottomess lilu mill-Kumitat Ewropew għall-Ġlieda kontra d-Droga (Celad), u partikolarment ir-rakkomandazzjoni li «għandu jsir studju minn esperti dwar is-sorsi~~

1 ĠU C [...], [...], p. [...].
2 ĠU C [...], [...], p. [...].
3 ĠU C [...], [...], p. [...].
4 ĠU C [...], [...], p. [...].
5 ĠU L 36, 12.2.1993 p. 1, kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1651/2003 (ĠU L 245, 2.9.2003, p. 30).
6 Ara l-Anness II.

~~eżistenti ta' informazzjoi, il-kwalità tagħhom u kemm jistgħu jkunu utili, u dwar il-ħtieġa għal u l-possibilità ta' skop għal Ċentru E'ropew għas-Sorveljar ta' Droga u l-implikazzjonijiet finanzjarji tat-twettiq ta' Ċentru bħal dan, bil-ftehim li l-istruzzjonijiet lil dan iċ-Ċentru jkunu jkopru mhux biss l-aspetti soċjali u ta' saħħa imma wkoll aspetti oħra konnessi mad-droga, inkluż it-traffikar u r-repressjoni»,~~

~~– saħaq li kienet ir-reponsabbilità ta' kull Stat Membru li jiżviluppa programm xieraq għat-tnaqqis fit-talba tad-droga u jikkunsidra li azzjoni effettiva minn kull Stat Membru, mgħejjuna minn azzjoni konġunta tat-Tnax u l-Komunità, għandha tkun il-prioritá ewlenija tul is-snin li ġejjin;~~

↓ 302/93 Premessa 1 (adattata)

~~Billi s-sejbiet ta' l-istudju dwar il-prattiċità taċ-Ċentru u l-Pjan Ewropew għal Ġlieda kontra d-Droga li kien sottomess lill-Kunsill Ewropew ta' Ruma fit-13 u l-14 ta' Diċembru 1990 għandhom jibqgħu jkunu kkunsidrati;~~

↓ 302/93 Premessa 2 (adattata)

(2) Il-Kunsill Ewropew, fil-laqgħa tiegħu fil-Lussemburgu nhar it-28 u d-29 ta' Ġunju 1991, ~~«~~approva t-twaqqif ta' Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga~~;~~ ⌦permezz tar-Regolament (KEE) Nru 302/93 twaqqaf iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga (EMCDDA)⌫ ~~bil-ftehim li l-arranġamenti prattiċi għall-implimentazzjoni tiegħu, eż. id-daqs tiegħu, l-istruttura istituzzjonali u s-sistemi tal-kompjuter, għad-iridu jiġu diskussi u ta-struzzjonijiet lil Celad biex ikomplu bix-xogħol għal dak il-għan u biex iwassal għal konklużjoni tajba u ta' malajr, b'kuntatt mal-Kummissjoni u mal-korpi politiċi relevanti l-oħra»;~~

↓ 302/93 Premessa 3 (adattata)

~~Billi l-Kunsill Ewropew, fil-laqgha ta' Maastricht nhar id-9 u l-10 ta' Diċembru 1991, «stieden lill-istituzzjonijiet tal-Komunità biex jużaw il-mezzi kollha biex jassiguraw li l-att ta' l-istabbilir taċ-Ċentru Ewropew ta' Droga għandu jkun adottat qabel it-30 ta' Ġunju 1992»;~~

↓ 302/93 Premessa 4 (adattata)

~~Billi l-Komunità kkonkludiet, b'Deċiżjoni 90/611/KEE[7], il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Traffiku Illegali fi Droga Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi, minn hawn 'il quddiem imsejjħa l-«Konvenzjoni ta' Vjenna», u ddepositat dikjarazzjoni ta' kompetenza rigward l-Artikolu 27 tagħha[8]~~;

---

[7] ~~ĠU Nru L 326, 24. 11. 1990, p. 56.~~

[8] ~~ĠU Nru L 326, 24. 11. 1990, p. 57.~~

~~Billi l-Kunsill adotta Regolament (KEE) Nru 3677/909 għall-implimentazzjoni mill-Komunità tas-sistema li hemm dispożizzjoni dwarha fl-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna msemmija hawn fuq għal sorveljar ta' kummerċ f'ċerti sustanzi;~~

↓ 302/93 Premessa 5 (adattata)

~~Billi l-Kunsill adotta Direttiva 91/308/KEE tal-10 ta' Ġunju 1991 dwar il-prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop ta' ħasil ta' flus10, li għandha l-għan partikolari li tiġġieled it-traffikar tad-droga;~~

↓ 302/93 Premessa 6 (adattata)

(3) Informazzjoni oġġettiva, affidabbli u komparabbli rigward id-droga, id-dipendenza fuq id-droga u l-konsegwenzi tagħhom hija meħtieġa fil-livell tal-Komunità biex tgħin sabiex tingħata lill-Komunità u lill-Istati Membri viżjoni globali u b'hekk tagħtihom valur miżjud meta, fl-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom, jieħdu miżuri jew jiddeċiedu dwar azzjonijiet fil-ġlieda kontra d-droga.

↓ 302/93 Premessa 7 (adattata)

(4) Il-fenomenu tad-droga jinkludi diversi aspetti kumplessi u marbutin mill-qrib ma' xulxin li ma jistgħux ikunu sseparati faċilment minn xulxin. Għalhekk, iċ-Ċentru għandu jkun fdat bid-dover li jforni informazzjoni ġenerali li għandha tgħin biex tipprovdi lill-Komunità u l-Istati Membri tagħha b'viżjoni ġenerali tal-fenomenu tad-droga u tal-vizzju tad-droga. Dan ix-xogħol m'għandux jippreġudika l-allokazzjoni ta' poteri bejn il-Komunità u l-Istati Membri tagħha f'dak li għandu x'jaqsam ma' dispożizzjonijiet leġiżlattivi li jikkonċernaw il-provvista u d-domanda għad-droga.

↓ 302/93 Premessa 8

⇩ ġdid

(5) Bid-Deċiżjoni Nru 2367/2002/KE tas-16 ta' Diċembru 2002, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ftehmu dwar il-programm statistiku tal-Komunità għall-2003-2007, li jinkludi l-azzjonijiet tal-Komunità dwar l-istatistika fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà.

(6) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/JHA ta' l-10 ta' Mejju 2005 dwar l-iskambju ta' l-informazzjoni, l-evalwazzjoni tar-riskju u l-kontroll ta' sustanzi psikoattivi ġodda[11] tistabbilixxi r-rwol ta' l-EMCDDA u l-Kumitat Xjentifiku tagħha fis-sistema ta' informazzjoni rapida u fl-evalwazzjoni tar-risjki ta' sustanzi ġodda.

(7) Għandhom jitqiesu l-metodi ġodda ta' l-użu, partikolarment l-użu ta' droga differenti flimkien fejn droga illegali tittieħed flimkien ma' droga legali jew mediċinali.

9 ~~ĠU Nru L 357, 20. 12. 1990, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 900/92 (ĠU Nru L 96, 10.4. 1992, p. 1).~~

10 ~~ĠU Nru L 166, 28. 6. 1991, p. 77.~~

11 ĠU L 127, 20.05.2005, p. 32

(8) Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2001 dwar l-implimentazzjoni tal-ħames indikaturi epidemoloġiċi dwar id-droga[12] tinkoraġġixxi lill-Istati Membri sabiex jiżguraw, permezz tal-punti fokali nazzjonali, li tkun disponibbli informazzjoni komparabbli dwar il-ħames indikaturi epidemoloġiċi ewlenin.

(9) Ikun tajjeb li l-Kummissjoni tkun tista' tafda lill-EMCDDA direttament bl-implimentazzjoni tal-proġetti ta' għajnuna strutturali tal-Komunità dwar sistemi ta' informazzjoni dwar id-droga f'pajjiżi mhux tal-Komunità bħall-pajjiżi kandidati jew il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent li ġew awtorizzati mill-Kunsill Ewropew sabiex jipparteċipaw fil-programmi u l-aġenziji tal-Komunità.

↓ 302/93 Premessa 9 (adattata)

~~Billi l-organizzazzjoni u l-metodi tax-xogħol taċ-Ċentru għandhom ikunu konsistenti man-natura oġġettiva tar-riżultati mfittxa, jiġifieri l-komparabbilità u l-kompatibbilità ta' sorsi u metodi b'konnessjoni ma' informazzjoni dwar id-droga.~~

↓ 302/93 Premessa 10

(10) L-informazzjoni miġbura miċ-Ċentru tirrigwarda oqsma ta' prijorità li l-kontenut, il-firxa u l-arranġamenti ta' implimentazzjoni tagħhom għandhom jiġu definiti.

↓ 302/93 Premessa 11 (adattata)

~~Billi, matul il-perjodu ta' l-ewwel tliet snin, attenzjoni speċjali għandha tingħata għad-domanda u t-tnaqqis fid-domanda;~~

↓ 302/93 Premessa 12 (adattata)

~~Billi, fir-riżoluzzjoni tagħhom tas-16 ta' Mejju 1989 rigward in-network Ewropew dwar data tas-saħħa dwar l-abbuż tad-droga13, il-Kunsill u l-Ministri tas-Saħħa ta' l-Istati Membri li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill stiednu lill-Kummissjoni biex tieħu l-inizjattivi possibbli f'dan il-qasam;~~

↓ 302/93 Premessa 13 (adattata)

~~Billi qafas Ewropew ta' informazzjoni dwar id-droga u l-vizzju tad-droga għandu jkun stabbilit, biex ikun ikkordinat u mmexxi fil-livell tal-Komunità miċ-Ċentru Ewropew għas-Sorveljar ta' Droga;~~

↓ 302/93 Premessa 14 (adattata)

~~Billi l-Konvenzjoni 108 tal-Kunsill ta' l-Ewropa għal Protezzjoni ta' Individwi f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-Ipproċessar Awtomatiku ta' Dettalji Personali (1981) għandu jitqies;~~

---

[12] CORDROGUE 67 tal-15 ta' Novembru 2001.

[13] ~~ĠU Nru G 185, 22. 7. 1989, p. 1.~~

↓302/93 Premessa 15

(11) Diġà jeżistu organizzazzjonijiet nazzjonali, Ewropej u internazzjonali u korpi li jfornu din it-tip ta' informazzjoni, u ċ-Ċentru għandu jkun jista' jwettaq id-doveri tiegħu b'kooperazzjoni mill-qrib magħhom.

⇩ ġdid

(12) Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet u korpi Komunitarji u dwar il-moviment liberu ta' din id-*data*[14] japplika għall-iproċessar tad-*data* personali miċ-Ċentru.

(13) Il-prinċipji ġenerali u l-limiti li jirregolaw id-dritt ta' aċċess għad-dokumenti, kif stipulat fl-Artikolu 255 tat-Trattat, ġew stabbiliti permezz tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti[15] tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni u għandhom jiġu applikati wkoll fl-aġenziji tal-Komunità.

↓302/93 Premessa 16

(14) Iċ-Ċentru għandu jkollu personalità legali.

↓ 302/93 Premessa 17 (adattata)

~~Billi huwa meħtieġ li jkun assigurat li ċ-Ċentru jwettaq id-doveri tiegħu dwar l-informazzjoni u li tingħata ġurisdizzjoni għal dan il-għan lill-Qorti tal-Ġustizzja;~~

↓ 302/93 Premessa 18 (adattata)

~~Billi huwa mixtieq li tingħaraf il-possibbilità tal-ftuħ taċ-Ċentru lil pajjiżi li m'humiex membri tal-Komunità li jaqsmu l-istess interessi tal-Komunità u tal-Istati Membri għall-kisba ta' dawn l-għanijiet, permezz ta' ftehim li għandu jkun konkluż bejniethom u l-Komunità;~~

↓ 302/93 Premessa 19 (adattata)

~~Billi dan ir-Regolament għandu, jekk meħtieġ, ikunu adottat wara perjodu ta' tliet snin bil-għan ta' deċiżjoni dwar il-possibbilità ta' estenzjoni tad-doveri taċ-Ċentru, billi titqies, partikolarment, l-evoluzzjoni tal-poteri tal-Komunità;~~

~~Billi, għall-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, it-Trattat ma jipprovdix għal poteri barra minn dawk imsemmija fl-Artikolu 235,~~

[14] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.
[15] ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.

⇩ ġdid

(15) Minħabba d-daqs tiegħu, il-Bord tal-Ġestjoni taċ-Ċentru għandu jkun megħjun minn Kumitat Eżekuttiv.

(16) Sabiex ikun żgurat li l-Parlament Ewropew ikun infurmat tajjeb dwar l-istat tal-fenomenu tad-droga fl-Unjoni Ewropea, huwa għandu jkun jista' jpoġġi domandi lid-Direttur taċ-Ċentru.

(17) Ix-xogħol taċ-Ċentru għandu jitmexxa b'mod trasparenti u l-ġestjoni tiegħu għandha tkun suġġetta għar-regoli kollha eżistenti ta' tmexxija tajba u ta' kontra l-frodi, b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 li jikkonċerna investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew għal Kontra l-Frodi (OLAF)[16] u l-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 dwar l-investigazzjonijiet interni mill-Uffiċċju Ewropew għal Kontra l-Frodi (OLAF)[17] li ċ-Ċentru aderixxa miegħu u adotta d-dispożizzjonijiet meħtieġa ta' implimentazzjoni.

(18) Għandha ssir evalwazzjoni esterna tal-ħidma ta' l-EMCDDA fuq bażi regolari, u, fuq il-bażi ta' din l-evalwazzjoni, dan ir-Regolament għandu jkun adattat jekk ikun meħtieġ.

(19) F'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat, l-għanijiet taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri u jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti ta' l-azzjoni proposta, jintlaħqu aħjar fuq il-livell tal-Komunità. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità stabbilit fl-istess Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lilhinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawn il-għanijiet.

(20) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti, partikolarment mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea.

🡻 302/93 (adattat)

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għan

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi ċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga ~~(EDMC)~~ ⌦ (EMCDDA) ⌫ , minn hawn 'il quddiem imsejjaħ «iċ-Ċentru» .

🡻 302/93
⇨ġdid

2. L-għan taċ-Ċentru huwa li jipprovdi, fl-oqsma msemmija fl-Artikolu ~~4~~ 3, lill-Komunità u l-Istati Membri tagħha b'informazzjoni oġġettiva, ta' min joqgħod fuqha u kumparabbli fil-livell Ewropew rigward id-droga u l-vizzju tad-droga u l-konsegwenzi tagħhom.

---

[16] ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1.
[17] ĠU L 136, 31.5.1999, p.15.

3. L-informazzjoni statistika, dokumentarja u teknika proċessata jew prodotta hija maħsuba biex tgħin sabiex tipprovdi lill-Komunità u lill-Istati Membri b'viżjoni ġenerali dwar is-sitwazzjoni tad-droga u d-dipendenza fuq id-droga meta, fl-oqsma ta' kompetenza rispettiva tagħhom, jieħdu miżuri jew jiddeċiedu dwar azzjoni. ⇨L-element statistiku ta' din l-informazzjoni għandu jkun żviluppat, f'kollaborazzjoni ma' l-awtoritajiet statistiċi rilevanti, bl-użu meta jkun meħtieġ tal-Programm Statistiku tal-Komunità sabiex tkun promossa s-sinerġija u evitata d-duplikazzjoni. ⇦

↓ 2220/2000 l-Art. 1(1) (adattat)

4. Bla ħsara għall-Artikolu ~~(D)1~~2(d)(iv), iċ-Ċentru ma jista' jieħu l-ebda miżura li ~~b'xi mod~~ tmur lilhinn mill-isfera ta' l-informazzjoni u l-ipproċessar taghha.

↓ 302/93

5. Iċ-Ċentru m'għandux jiġbor dettalji li jagħmluha possibli li jkunu identifikati individwi jew gruppi żgħar ta' individwi. Għandu jibqa' lura milli jittrażmetti informazzjoni li għandha x'taqsam ma' każi speċifiċi msemmija b'isimhom.

Artikolu 2

Id-dmirijiet

Sabiex jintlaħaq l-għan stabbilit fl-Artikolu 1, iċ-Ċentru għandu jwettaq dawn id-dmirijiet fil-qasam ta' l-attività tiegħu:

~~A.~~ (a) *Ġbir u analiżi ta' data eżistenti*

↓ 302/93 (adattat)
⇨ġdid

~~Għandu:~~

~~1.~~ (i) jiġbor, jirreġistra u janalizza informazzjoni, inklużi dettalji li jirriżultaw minn riċerka, ikkomunikati minn Stati Membri kif ukoll li joħorġu mill-Komunità, sorsi nazzjonali mhux governattivi u organizzazzjonijiet kompetenti internazzjonali; ⇨dan x-xogħol ta' ġbir, reġistrazzjoni u analiżi għandu jkopri wkoll *data* dwar xejriet li jkunu qed jiżviluppaw fl-użu tad-drogi flimkien, inkluż l-użu flimkien ta' sustanzi psikoattivi legali u illegali; ⇦

~~2.~~ (ii) ~~jwettaq~~ ⌦ twettiq ta' ⌫ stħarriġ, studji preparatorji u studji ta' fattibilità, flimkien ma' xi proġetti pilota meħtieġa ħalli jitwettqu d-dmirijiet tiegħu; ~~jorganizza~~ ⌦ l-organizzazzjoni ta' ⌫ laqgħat ta' esperti ⌦ , ⌫ ~~u~~ kull meta jkun meħtieġ ~~jistabbilixxi~~ ⌦ it-twaqqif ta' ⌫ gruppi ta' ħidma *ad hoc* għal dan il-għan; ~~għandu jistabbilixxi~~ ⌦ it-twaqqif ⌫ u ~~jagħmel disponibbli~~ ⌦ t-tpoġġija għad-dispożizzjoni ta' ⌫ riżorsi miftuħa ta' dokumentazzjoni xjentifika u ~~jgħin~~ ⌦ l-għoti ta' għajnuna ⌫ fil-promozzjoni ta' attivitajiet ta' informazzjoni;

~~3.~~ (iii) ~~jipprovdi~~ ⌦ il-forniment ta' ⌫ sistema organizzattiva u teknika li tkun tista' tforni informazzjoni dwar programmi jew azzjonijiet simili jew kumplimentari meħuda mill-Istati Membri;

4. (iv) ~~jistabbilixxi u jikkordina~~⌦ it-twaqqif u l-koordinazzjoni ⌫, b'konsultazzjoni u kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti u organizzazzjonijiet fl-Istati Membri, tan-*netwerk* imsemmi fl-Artikolu 5;

5. (v) ~~jiffaċilita~~ ⌦ l-iffaċilitar ta' ⌫ l-iskambju ta' l-informazzjoni bejn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, riċerkaturi, speċjalisti u dawk involuti fil-ġlieda kontra d-droga fl-organizzazzjonijiet governattivi u mhux governattivi;

↓ 302/93

~~B.~~ (b) *Titjib fil-metodi tat-tqabbil tad-data*

↓ 302/93 (adattat)
⇨ġdid

6. (i) ~~jassigura~~ ⌦ tkun żgurata ⌫ l-komparabbilità mtejba, l-oġġettività u l-affidabilità tad-*data* fil-livell Ewropew billi jiġu stabbiliti indikaturi u kriterji komuni ta' natura li ma torbotx, li l-konformità magħhom tista' tkun rakkomandata miċ-Ċentru, bil-għan li jkun hemm uniformità akbar fil-metodi ta' kejl użati mill-Istati Membri u l-Komunità; ⇨b'mod partikolari, iċ-Ċentru għandu jiżviluppa l-għodda u l-istrumenti sabiex jiffaċilita l-ħidma ta' l-Istati Membri fil-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-*policies* nazzjonali tagħhom u l-ħidma tal-Kummissjoni Ewropea fil-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-*policies* ta' l-Unjoni; ⇦

7. (ii) ~~jiffaċilita~~ ⌦ l-iffaċilitar ⌫ u ~~jistruttura~~ ⌦ l-istrutturazzjoni ta' l-⌫ iskambju ta' informazzjoni, f'termini kemm ta' kwalità u wkoll ta' kwantità (*databases*);

↓ 302/93

~~C.~~ (c) *Disseminazzjoni ta' data*

↓ 302/93 (adattat)
⇨ġdid

8. (i) ~~jagħmel~~ ⌦ it-tpoġġija ta' ⌫ l-informazzjoni miġbura minnu għad-dispożizzjoni tal-Komunità, l-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet kompetenti;

9. ~~(ii)~~ ~~jassigura~~ ⌦ l-assigurazzjoni tad-⌫ disseminazzjoni wiesgħa tax-xogħol magħmul minn kull Stat Membru u mill-Komunità nnifisha, u, fejn xieraq, minn pajjiżi mhux tal-Komunità jew minn organizzazzjonijiet internazzjonali;

10. (iii) ~~jassigura~~ ⌦ l-assigurazzjoni tad-⌫ disseminazzjoni wiesgħa ta' dettalji mhux kunfidenzali li jkunu ta' min joqgħod fuqhom; fuq il-bażi ta' dettalji miġbura, ⌦ iċ-Ċentru ⌫ għandu jippubblika ta' kull sena rapport dwar l-istat tal-problema tad-droga~~;~~ ⌦ , ⌫ ⇨inkluża *data* dwar xejriet li jkunu qed jiżviluppaw; ⇦

↓ 302/93

~~D.~~ (d) *Kooperazzjoni ma' korpi u organizzazzjonijiet Ewropej u internazzjonali u ma' pajjiżi li m'humiex membri tal-Komunità*

↓ 302/93 (adattat)

~~11.~~ (i) ~~jikkontribwixxi~~ ⌦ kontribut ⌫ għal titjib fil-koordinazzjoni bejn azzjonijiet nazzjonali u tal-Komunità fl-oqsma ta' l-attività tiegħu;

~~12.~~ (ii) bla ħsara għall-obbligi ta' l-Istati Membri f'dak li għandu x'jaqsam mat-trażmissjoni ta' informazzjoni permezz tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-droga, ~~iħeġġeġ~~ ⌦ il-promozzjoni ta' ⌫ l-inkorporazzjoni ta' dettalji dwar id-droga u d-dipendenza fuq id-droga miġbura fi Stati Membri jew li joriġinaw mill-Komunità fi programmi internazzjonali ta' monitoraġġ u kontroll tad-droga, partikolarment dawk stabbiliti mill-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti u l-aġenziji speċjalizzati tagħha;

~~13.~~ (iii) ~~jikkopera~~ ⌦ kooperazzjoni ⌫ mill-qrib mal-korpi msemmija fl-Artikolu ~~12~~⌦ 16 ⌫ ;

↓ 2220/2000 Art. 1.2 emendat mill-Corrigendum, ĠU L 121, 1.5.2001, p. 48 (adattat)
⇨ġdid

~~14.~~ (iv) ~~huwa jista' jittrasferixxi~~ ⌦ it-trasferiment ⌫ ~~fil-pajjiżi applikanti eliġibbli għall-programm PHARE~~, fuq talba tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, ⇨ u bl-approvazzjoni tal-Bord tal-ġestjoni tal-⇦ kompetenza tiegħu ⇨ f'ċerti pajjiżi barra l-Komunità bħall-kandidati għall-adeżjoni ma' l-UE jew il-pajjiżii tal-Balkani tal-Punent ⇦ u l-għoti ta' għajnuna fil-ħolqien u t-tisħiħ ta' rabtiet strutturali man-netwerk tar-Reitox u t-twaqqif u l-konsolidazzjoni tal-punti fokali nazzjonali.

↓ 302/93

Artikolu ~~4~~3

Oqsma ta' attività ta' prijorità

L-għanijiet u d-dmirijiet taċ-Ċentru, kif definiti fl-Artikoli 1 u 2, għandhom ikunu implimentati skond l-ordni ta' prijoritajiet indikata f' ~~l-~~Anness I.

Artikolu ~~3~~4

302/93 (adattat)

Metodu ta' ħidma

↓302/93

1. Iċ-Ċentru għandu progressivament iwettaq id-dmirijiet tiegħu fid-dawl ta’ l-għanijiet adottati fil-programmi ta’ ħidma ta’ kull tliet snin u dawk annwali u b’kunsiderazzjoni xierqa għar-riżorsi disponibbli.

2. Fit-twettiq ta' l-attivitajiet tiegħu, iċ-Ċentru għandu, sabiex jevita duplikazzjoni, jqis dawk l-attivitajiet diġà mwettqa minn istituzzjonijiet u aġenziji oħra eżistenti jew futuri, l-aktar l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol), u għandu jassigura li hu jżid mal-valur tagħhom.

↓302/93 (ġdid) ⇨ġdid

Artikolu 5

Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (Reitox)

1. Iċ-Ċentru għandu jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu n-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni dwar id-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (Reitox), ~~netwerk ta' kompjuter li jifforma l-infrastruttura għal ġbir u t-tpartit ta' informazzjoni u dokumentazzjoni; in-netwerk għandu jagħmel użu, inter alia, minn sistema awtonoma ta' kompjuter li torbot n-netwerks nazzjonali ta' informazzjoni dwar id-droga, iċ-ċentri speċjalizzati fl-Istati Membri u s-sistemi ta' l-informazzjoni ta' l-organizzazzjonijiet u korpi internazzjonali jew Ewropej li jikkoperaw maċ-Ċentru.~~ ⇨In-netwerk għandu jikkonsisti f’punt fokali għal kull Stat Membru u kull pajjiż li kkonkluda ftehim skond l-Artikolu 21 ta’ dan ir-Regolament u punt fokali għall-Kummissjoni Ewropea. L-identifikazzjoni ta’ punti fokali nazzjonali hija r-responsabbilità esklussiva tal-pajjiżi kkonċernati ⇦

~~2. Sabiex jiffaċilitaw li n-network ikun stabbilit malajr u b'effiċjenza kemm jista' jkun, l-Istati Membri għandhom, fi żmien sitt xhur mid-dħul fis seħħ ta' dan ir-Regolament, jinnotifikaw liċ-Ċentru bl-elementi prinċipali tan-networks nazzjonali tagħhom ta' informazzjoni, inkluż fejn xieraq iċ-ċentri nazzjonali ta' sorveljar, f'oqsma ta' attività msemmija fl-Artikolu 4 u jsemmi xi Ċentri speċjalizzati li fil-ġudizzju tagħhom ikunu jistgħu jagħmlu kontribuzzjoni utili għax-xogħol taċ-Ċentru.~~

~~3. Iċ-ċentri speċjalizzati għandhom ikunu magħżula bil-kunsens ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkunu jinsabu, b'deċiżjoni unanima tal-membri tal-bord tal-ġestjoni, imsemmi fit-tieni sub-paragrafu ta' l-Artikolu 8(2), għal perjodu li ma jeċċedix it-tul ta' kull programm ta' xogħol multi-annwali msemmi fl-Artikolu 8(3). Din l-għażla tista' tiġġedded.~~

~~4. Iċ-Ċentru jista', bil-kunsens tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu ċ-ċentru jkunu jinstabu, jidħol f'relazzjonijiet kontrattwali, partikolarment arranġamenti ta' sub-kuntratti, ma' ċentri speċjalizzati governattivi u mhux governattivi msemmija fil-paragrafu 3, sabiex iwettaq id-dmirijiet li hu jkun jixtieq li jgħaddi lilhom. Bil-kunsens ta' l-Istati Membru rispettivi, jista' jidħol f'kuntatt, fuq bażi ad hoc u għal dmirijiet speċifiċi, ma' korpi li ma jkunux parti minn Reitox.~~

~~5. L-allokazzjoni ta' dmirijiet speċifiċi lill-ċentri speċjalizzati għandhom jidhru fil-programm tax-xogħol multi-annwali taċ-Ċentru kif imsemmi fl-Artikolu 8(3).~~

⇩ġdid

2. (a) Il-punti fokali nazzjonali għandhom jiffurmaw punt ta' kuntatt bejn il-pajjiżi li jkunu qed jipparteċipaw u ċ-Ċentru. Huma għandhom jikkontribwixxu għat-twaqqif ta' indikaturi u *data* prinċipali, inklużi linji gwida għall-implimentazzoni tagħhom bil-ħsieb li tinkiseb informazzjoni affidabbli u komparabbli fuq il-livell ta' l-Unjoni Ewropea. Huma għandhom jiġbru u janalizzaw fuq livell nazzjonali l-informazzjoni kollha rilevanti dwar id-droga u d-dipendenza fuq id-droga, kif ukoll dwar *policies* u soluzzjonijiet applikati. B'mod partikolari, huma għandhom jipprovdu *data* għall-ħames indikaturi epidemoloġiċi speċifikati miċ-Ċentru.

(b) Kull Stat Membru għandu jiżgura li r-rappreżentant tiegħu fin-Netwerk tar-Reitox jipprovdi l-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 4.1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/JHA ta' l-10 ta' Mejju 2005 dwar l-iskambju ta' l-informazzjoni, l-istima tar-riskju u l-kontroll ta' sustanzi psikoattivi ġodda.

(c) Il-punti fokali nazzjonali jistgħu wkoll jipprovdu liċ-Ċentru b'informazzjoni dwar xejriet ġodda fl-użu ta' sustanzi psikoattivi eżistenti u/jew taħlitiet ġodda ta' sustanzi psikoattivi li jippreżentaw riskju potenzjali għas-saħħa pubblika u wkoll informazzjoni dwar miżuri possibbli relatati mas-saħħa pubblika.

3. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jiżguraw l-operat tal-punt fokali tagħhom għall-ġbir u l-analiżi tad-*data* fuq livell nazzjonali fuq il-bażi tal-linji gwida adottati maċ-Ċentru.

4. Id-dmirijiet speċifiċi allokati lill-punti fokali nazzjonali għandhom jidhru fil-programm tax-xogħol ta' tliet snin taċ-Ċentru msemmi fl-Artikolu 9(4).

5 Filwaqt li jirrispetta l-pożizzjoni ewlenija tal-punti fokali nazzjonali, u f'kooperazzjoni mill-qrib magħhom, iċ-Ċentru jista' jagħmel użu minn servizzi oħra ta' esperti u sorsi oħra ta' informazzjoni fil-qasam tad-droga u d-dipendenza fuq id-droga.

🡻 302/93

Artikolu 6

Protezzjoni u kunfidenzjalità tad-*data*

~~1. Meta fuq il-bażi ta' dan ir-Regolament dettalji personali li ma jkunux possibbli li jidentifikaw persuni jintbagħtu wkoll liċ-Ċentru bi qbil mal-liġi nazzjonali, dawk id-dettalji jistgħu jintużaw biss għall iskopijiet mistqarra u skond il-kondizzjonijiet preskritti mill-awtorità li twassalhom. Dan għandu japplika mutatis mutandis meta d-dettalji personali jkunu komunikati miċ-Ċentru lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jew lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u istituzzjonijiet oħra Ewropej.~~

~~2. Dettalji dwar id-droga u l-vizzji tad-droga provduti lil jew miċ-Ċentru jistgħu jkunu pubblikati suġġetti għal konformità mar-regoli tal-Komunità u nazzjonali dwar id-disseminazzjoni u l-kunfidenzalità ta' informazzjoni. Data personali ma jistgħux ikunu pubblikati jew li jsiru aċċessibli għall-pubbliku.~~

~~3. Stati Membri u ċ-ċentri speċjalizzati m'humiex obbligati li jipprovdu nformazzjoni klassifikata bħala kunfidenzali taħt il-leġislazzjoni nazzjonali.~~

⇩ġdid

Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001[18] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet u korpi Komunitarji u dwar il-moviment liberu ta' din id-*data* japplika għaċ-Ċentru.

🡻 1651/2003 Art. 1.1 (adattat)

Artikolu ~~6a~~ 7

Aċċess għad-dokumenti

1. Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 ~~tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1999 dwar l-aċċess għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni19~~ għandu japplika għad-dokumenti miżmuma miċ-Ċentru.

2. Il-Bord tal-ġestjoni għandu jadotta l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 ~~fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1651/2003 tat-18 ta' Ġunju 2003 li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 302/93 fuq l-istabbiliment ta' Ċentru Ewropew ta' Kontroll tad-Droga u l-Vizzju tad-Droga20~~.

🡻 1651/2003 Art. 1.1

3. Id-Deċiżjonijiet meħudin miċ-Ċentru skond l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jistgħu jikkawżaw il-preżentazzjoni ta' kwerela lill-Ombudsman jew jiffurmaw is-suġġett ta' azzjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 195 u 230 tat-Trattat rispettivament.

🡻302/93 (adattat)
⇨ġdid

Artikolu ~~7~~ 8

Status legali ⇨ u post ⇦

1. Iċ-Ċentru għandu jkollu personalità ġuridika. Għandu jgawdi, f'kull Stat membru, l-istatus legali l-aktar estensiv mogħti lill-persuni legali permezz tal-liġijiet tagħhom; b'mod partikolari, huwa jista' jixtri u jiddisponi minn proprjetà mobbli u immobbli u jista' jistitwixxi proċeduri legali.

⇩ġdid

2. L-uffiċċju ewlieni taċ-Ċentru għandu jkun f'Liżbona.

[18] ĠU L 8, 12.01.2001, p. 1

[19] ~~ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.~~

[20] ~~ĠU L 245, 29.9.2003, p. 30.~~

↓302/93 (adattat)

Artikolu ~~8~~ 9

Bord tal-Ġestjoni

↓302/93 (adattat)
⇨ġdid

1. Iċ-Ċentru għandu jkollu bord tal-ġestjoni li jkun jikkonsisti f'rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru, żewġ rappreżentanti mill-Kummissjoni, ~~u~~ ⌦ , ⌫ żewġ ⇨ esperti indipendenti ⇦ ~~xjenzati~~ li jkunu partikolarment ~~ikkwalifikati~~ ⇨ infurmati ⇦ fil-qasam tad-droga, innominati mill-Parlament Ewropew ~~fuq il-bażi tal-kwalifiki partikolari tagħhom f'dak il-qasam.~~ ⇨, kif ukoll rappreżentant wieħed minn kull pajjiż li jkun ikkonkluda ftehim skond l-Artikolu 21 ta' dan ir-Regolament. ⇦

⌦Kull membru tal-bord tal-ġestjoni għandu jkollu vot wieħed, ⌫ ⇨ minbarra r-rappreżentanti tal-pajjiżi li jkunu kkonkludew ftehim skond l-Artikolu 21 ta' dan ir-Regolament li m'għandhomxi id-dritt li jivvutaw. ⇦

⌦Id-deċiżjonijiet tal-bord tal-ġestjoni għandhom jittieħdu minn maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri bid-dritt tal-vot ⌫ ⇨ , ħlief fil-każijiet stipulati fil-paragrafu 6 ta' dan l-artikolu u l-artikolu 20. ⇦

Kull membru tal-bord tal-ġestjoni jista' jkun assistit jew rappreżentat minn membru alternattiv. Fin-nuqqas ta' membru sħiħ, ⌦ li għandu d-dritt tal-vot, ⌫ il-membru alternattiv jista' jeżerċita ⌦ dak ⌫ id-dritt ~~tal-vot tiegħu~~.

↓ 302/93

Il-bord tal-ġestjoni jista' jistieden bħala osservaturi li ma jivvutawx lil rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li ċ-Ċentru jikkopera magħhom skond l-Artikolu ~~12~~ 20.

↓302/93 (adattat)
⇨ġdid

2. Il-President ⇨ u l-Viċi-President ⇦ tal-bord tal-ġestjoni għandhom ikunu eletti mill-membri tal-bord ⇨ u minn fosthom ⇦ għal perjodu ta' tliet snin: ~~Il-mandat tiegħu fil-kariga jista' jkun imġedded darba~~ ⌦il-mandati tagħhom jistgħu jkunu mġedda darba⌫. ~~Il-president għandu jieħu parti fil-votazzjoni~~ ⌦ Il-President u l-Viċi-President għandhom jieħdu parti fil-votazzjoni⌫. ~~Kull membru tal-bord tal-ġestjoni għandu jkollu vot wieħed.~~

Id-deċiżjonijiet tal-bord tal-ġestjoni għandhom jittieħdu b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tiegħu, ~~ħlief fil-każi msemmija fl-Artikolu 5 (3), li għalihom hija meħtieġa deċiżjoni unanima mill-membri tiegħu, u fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.~~

Il-bord tal-ġestjoni għandu jfassal ir-regoli tal-proċedura tiegħu.

⇨ 3. Il-laqgħat tal-Bord tal-ġestjoni għandhom jissejħu mill-president tiegħu.⇦ ~~Il-bord tal-ġestjoni~~ ⌦ Huwa ⌫ għandu ~~jiltaqa'~~ ⌦ jkollu laqgħa ordinarja ⌫ mill-anqas darba kull sena. ⇨Id-Direttur għandu jieħu sehem fil-laqgħat tal-Bord tal-ġestjoni, mingħajr id-dritt tal-vot, u għandu jipprovdi s-Segretarjat. ⇦

~~3~~4. Il-bord tal-ġestjoni għandu jadotta programm ta' ħidma għal tliet snin fuq il-bażi ta' abbozz preżentat mid-Direttur taċ-Ċentru, wara li jikkonsulta lill-Kumitat Xjentifiku u jitlob l-opinjonijiet tal-Kummissjoni ~~u tal-Kunsill~~ ⇨ u għandu jgħaddih lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni ⇦. ~~L-ewwel programm ta' xogħol ta' tliet snin għandu jkun adottat unanimament, fi żmien disa xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Il-bord tal-ġestjoni, li jaġixxi b'maġġoranza ta' tliet kwarti tal-membri tiegħu, għandu jiddeċiedi jekk programmi ta' tliet snin sussegwenti għandhomx ikunu adottati bil-maġġoranza stabbilita fit-tieni sub-paragrafu ta' paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jew b'unanimità.~~

~~4.~~5 Permezz tal-programm ta' ħidma ta' tliet snin, il-bord tal-ġestjoni għandu kull sena jadotta l-programm annwali ta' ħidma taċ-Ċentru fuq il-bażi ta' abbozz preżentat mid-Direttur, wara li jikkonsulta lill-Kumitat Xjentifiku u jitlob l-opinjoni tal-Kummissjoni. ⇨Il-programm ta' ħidma għandu jintbagħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni ⇦ ~~Il-programm~~ ⌦ Huwa ⌫ jista' jkun aġġustat matul is-sena b'konformità ma' l-istess proċedura.

⇩ġdid

6. Fil-każ fejn il-Kummissjoni tesprimi n-nuqqas ta' qbil tagħha mal-programm ta' ħidma ta' tliet snin jew dak annwali, dawn il-programmi għandhom ikunu adottati mill-Bord tal-ġestjoni b'maġġoranza ta' 4/5.

🡻 1651/2003 Art. 1.2

~~5.~~7 Il-Bord tal-Ġestjoni għandu jadotta r-rapport annwali dwar l-attivitajiet taċ-Ċentru u jibagħtu mill-inqas sal-15 ta' Ġunju lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti ta' l-Awdituri u lill-Istati Membri.

~~6.~~8 Iċ-Ċentru għandu jibgħat kull sena lill-awtorità tal-baġit kwalunkwe informazzjoni relevanti għar-riżultat tal-proċeduri ta' evalwazzjoni.

⇩ġdid

Artikolu 10

Kumitat Eżekuttiv

1. Il-Bord tal-Ġestjoni għandu jkun megħjun minn Kumitat Eżekuttiv. Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jikkonsisti mill-President u l-Viċi-President tal-Bord tal-Ġestjoni u żewġ rappreżentanti tal-Kummissjoni. Id-Direttur għandu jieħu sehem fil-laqgħat tiegħu, mingħajr id-dritt tal-vot.

2. Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jiltaqa' mill-anqas darbtejn fis-sena u kulmeta jkun meħtieġ li jkunu ppreparati deċiżjonijiet tal-Bord tal-Ġestjoni u li tingħata għajnuna jew pariri lid-Direttur. Huwa għandu jiddeċiedi għall-Bord tal-Ġestjoni dwar materji previsti fir-regolament finanzjarju ta' l-EMCDDA li mhumiex riżervati għall-Bord tal-Ġestjoni b'dan ir-Regolament. Huwa għandu jadotta d-deċiżjonijiet b'maġġoranza sempliċi.

↓ 302/93
⇨ġdid

Artikolu ~~9~~ 11

Direttur

1. Iċ-Ċentru għandu jkun immexxi minn Direttur maħtur mill-bord tal-ġestjoni fuq proposta tal-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin, ⇨ fuq proposta tal-Kummissjoni u wara evalwazzjoni, jista' jiġġedded darba għal perjodu ta' mhux aktar minn ħames snin ⇦ ~~u jista' jerġa jinħatar mill-ġdid~~.

⇩ġdid

Fl-evalwazzjoni l-Kummissjoni għandha tevalwa b'mod partikolari.

- Ir-riżultati miksuba matul l-ewwel mandat u l-mod kif ikunu nkisbu;

- Id-dmirijiet u l-ħtiġijiet taċ-ċentru fis-snin li jkunu ġejjin.

2. Meta jingħata l-ewwel mandat minn massimu ta' tnejn, il-kandidat innominat mill-Bord tal-Ġestjoni għall-kariga ta' Direttur jista' jkun mistieden bla dewmien biex jagħmel stqarrija quddiem il-Parlament Ewropew u jwieġeb mistoqsijiet li jitpoġġew minn membri ta' dik l-istituzzjoni.

↓ 302/93

3. Id-Direttur għandu jkun responsabbli għal:

– (a) il-preparazzjoni u l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet u programmi adottati mill-bord tal-ġestjoni taċ-Ċentru,

– (b) l-amministrazzjoni minn jum għal jum,

– (c) it-tħejjija tal-programmi ta' ħidma taċ-Ċentru,

↓ 1651/2003 Art. 1.3

– (d) il-preparazzjoni ta' l-istima temporanja tad-dħul u l-infiq taċ-Ċentru u l-implimentazzjoni tal-baġit,

↓ 302/93
⇨ġdid

– (e) it-tħejjija u l-pubblikazzjoni tar-rapporti li hemm dispożizzjoni dwarhom f'dan ir-Regolament,

– (f) ⇨ il-ġestjoni ta' ⇦ l-affarijiet ⇨ li jirrigwardaw ⇦ l-impjegati, ⇨ u b'mod partikolari l-eżerċizzju tal-poteri li huma mogħtija lill-awtorità li tappunta⇦

⇩ġdid

– (g) id-definizzjoni ta' l-istruttura organizzattiva ta' l-aġenzija u l-preżentazzjoni tagħha lill-Bord tal-Ġestjoni għall-approvazzjoni

🡻 302/93

– (h) it-twettiq tad-dmirijiet imsemmija fl-Artikoli 1 u 2~~.~~,

⇩ġdid

– (i) l-evalwazzjoni regolari tal-ħidma taċ-Ċentru.

🡻302/93 (adattat)

~~2.~~ 4. Id-Direttur għandu jwieġeb għall-attivitajiet tiegħu lill-Bord tal-Ġestjoni ~~u għandu jattendi l-laqgħat tiegħu~~.

🡻 302/93

~~3.~~ 5. Id-Direttur għandu jkun ir-rappreżentant legali taċ-Ċentru.

⇩ġdid

Artikolu 12

Smigħ tad-Direttur quddiem il-Parlament Ewropew

Kull sena, id-Direttur għandu jippreżenta lill-Parlament Ewropew ir-rapport ġenerali dwar l-attivitajiet taċ-Ċentru. Il-Parlament Ewropew jista' wkoll jitlob smigħ mad-Direttur dwar kull suġġett relatat ma' l-attivitajiet taċ-Ċentru.

🡻302/93 (adattat)

Artikolu ~~10~~ 13

Kumitat Xjentifiku

1. Il-bord tal-ġestjoni u d-Direttur għandhom ikunu megħjuna minn Kumitat Xjentifiku li għandu jagħti opinjoni meta hemm dispożizzjoni dwar dan fir-Regolament u dwar kull materja xjentifika li tirrigwarda l-attività taċ-Ċentru li l-Bord tal-Ġestjoni jew id-Direttur Eżekuttiv jistgħu jissottomettu lilu.

L-opinjonijiet tal-Kumitat Xjentifiku għandhom ikunu pubblikati.

~~2. Il-Kumitat Xjentifiku għandu jikkonsisti f'rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru. Il-bord tal-ġestjoni jista' jaħtar sa sitt membri oħra wara li jikkunsidra l-kwalifiki partikolari tagħhom.~~

⇩ġdid

2. Il-Bord tal-Ġestjoni għandu jappunta membru għal kull Stat Membru fuq il-Kumitat Xjentifiku fuq il-bażi ta' proposti mill-Istati Membri dwar individwi magħżula fuq il-bażi ta' l-esperjenza u l-eċċellenza xjentifika tagħhom fil-qasam tad-droga u d-dipendenza fuq id-droga, u bl-għoti tal-piż xieraq lill-bżonn li l-Kumitat ikun multidixxiplinari fin-natura tiegħu u jkopri l-oqsma xjentifiċi kollha marbuta mal-problemi tad-droga u d-dipendenza fuq id-droga. Dawn l-oqsma jinkludu lil dawn li ġejjin, imma m'humiex limitati għalihom biss: Ir-Riċerka Bijomedika, in-Newroxjenza, il-Kriminoloġija, ix-Xjenza Edukattiva, l-Epidemjoloġija,l- Ekonomija, ix-Xjenza Forensika, il-Liġi, l-Evalwazzjoni u l-Analiżi tal-Politika, ix-Xjenza Politika, l-Evalwazzjoni/Riċerka tal-Prevenzjoni, il-Psikjatrija tad-Dipendenza, il-Psikoloġija, il-Psikofarmakoloġija, is-Saħħa Pubblika, ir-Riċerka Kwalitattiva, il-ħidma Soċjali, l-Istatistika, is-Soċjoloġija, ir-Riċerka ta' l-Istħarriġ, it-Tossikoloġija, u l-Evalwazzjoni/ir-Riċerka tat-Trattament.

Il-membri tal-Kumitat Xjentifiku għandhom ikunu appuntati fil-kapaċità personali tagħhom u għandhom jagħtu l-opinjonijiet tagħhom indipendentement mill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet Ewropej.

Il-bord tal-Ġestjoni għandu japprova, minn fost il-persuni proposti mill-Istati Membri, grupp ta' esperti li minnhom mhux aktar minn ħamsa jistgħu jintgħażlu minn żmien għal żmien mid-Direttur li jkun qed jaġixxi fuq parir tal-President tal-Kumitat Xjentifiku, sabiex iservu fuq il-Kumitat Xjentifiku estiż kif stabbilit fl-Artikolu 6.2 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/JHA ta' l-10 ta' Mejju 2005 dwar l-iskambju ta' l-informazzjoni, l-evalwazzjoni tar-riskju u l-kontroll ta' sustanzi psikoattivi ġodda.

🡻 302/93

~~3~~4. Il-Membri għandhom iservu fuq il-Kumitat Xjentifiku għal perjodu ta' tliet snin, li jista' jerġa jiġġedded.

🡻302/93 (adattat)

~~4.~~5 Il-Kumitat Xjentifiku għandu jeleġġi lill-president tiegħu għal perjodu ta' tliet snin. ~~5. Il-Kumitat Xjentifiku~~ ⌦ Huwa ⌫ għandu jitlaqqa' mill-President tiegħu mill-anqas darba fis-sena.

🡻 1651/2003 l-Art. 1.4 (adattat)

Artikolu ~~11~~ 14

Kif għandu jiġi magħmul il-baġit

1. Stimi tad-dħul u l-infiq kollu taċ-Ċentru għandhom ikunu ppreparati għal kull sena finanzjarja, li jikkorrispondu mas-sena tal-kalendarju, u għandhom jiġu murija fil-baġit taċ-Ċentru.

2. Id-dħul u l-infiq muri fil-baġit għandu jkun f'bilanċ.

3. Id-dħul taċ-Ċentru għandu, mingħajr preġudizzju għal riżorsi oħra, jikkonsisti f'sussidju mill-Komunità mdaħħal fil-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea (it-Taqsima tal-Kummissjoni),

pagamenti għal servizzi mogħtija u kwalunkwe kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-organizazzjonijiet u korpi u pajjiżi mhux tal-Komunità msemmijin fl-Artikoli ~~12 u 13~~ 20 u 21 rispettivament.

4. L-infiq taċ-Ċentru għandu jinkludi:

(a) ir-rimunerazzjoni ta' l-istaff, spejjeż amministrattivi u ta' l-infrastruttura, u spejjeż ta' l-operazzjoni;

↓ 1651/2003 l-Art. 1.4 (adattat)
⇨ġdid

(b) L-Infiq bħala appoġġ ~~tan-networks ta' l-informazzjoni nazzjonali li jagħmlu parti tan-network~~ ⇨ għall-punti fokali ⇦ tar-Reitox ~~u infiq relatat mal-kuntratti maċ-ċentri speċjalizzati~~.

↓ 1651/2003 l-Art. 1.4

5. Kull sena l-Bord tal-Ġestjoni, fuq il-bażi ta' abbozz magħmul mid-Direttur, għandu jipproduċi stima tad-dħul u l-infiq għaċ-Ċentru għas-sena finanzjarja li tkun ġejja. Din l-istima, li għandha tinkludi pjan temporanju ta' stabbiliment, għandha tintbagħat mill-Bord tal-ġestjoni lill-Kummissjoni mill-inqas sal-31 ta' Marzu, flimkien mall-programm ta' ħidma taċ-Ċentru. ~~6.~~ L-istima għandha tintbagħat mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa l-'«awtorità tal-baġit»') flimkien ma' l-abbozz preliminari tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea.

~~7~~6. Fuq il-bażi ta' l-istima, il-Kummissjoni għandha ddaħħal fl-abbozz preliminari tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea l-istimi li tikkunsidra meħtieġa għall-pjan ta' stabbiliment u l-ammont tas-sussidju li għandu jiġi ddebitat lill-baġit ġenerali, li għandha tpoġġi quddiem l-awtorità tal-baġit skond l-Artikolu 272 tat-Trattat.

↓ 1651/2003 Art. 1.4 (adattat)

~~8~~7. L-awtorità tal-baġit għandha tawtorizza l-approprjazzjonijiet għas-sussidju liċ-Ċentru. ⌦u ⌫ ~~L-awtorità tal-baġit~~ għandha tadotta l-pjan ta' stabbiliment għaċ-Ċentru.

↓ 1651/2003 Art. 1.4

~~9~~8. Il-baġit għandu jiġi adottat mill-Bord tal-Ġestjoni. Għandu jsir finali wara l-adozzjoni finali tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea. Fejn xieraq, għandu jiġi aġġustat skond dan.

~~10~~9. Il-Bord tal-Ġestjoni għandu, malajr kemm hu possibbli, jinnotifika l-awtorità tal-baġit bil-ħsieb tiegħu li jimplimenta kwalunkwe proġett li jista' jkollu implikazzjonijiet finanzjarji sinifikanti għall-iffinanzjar għall-baġit, partikolarment kwalunkwe proġett li għandu x'jaqsam mal-proprjetà bħall-kiri jew l-akkwist ta' bini. Għandu jinforma l-Kummissjoni b'dan.

Fejn fergħa ta' l-awtorità tal-baġit tkun innotifikat il-ħsieb tagħha li tagħti opinjoni, għandha tibgħat l-opinjoni tagħha lill-Bord tal-Ġestjoni fi żmien sitt ġimgħat mid-data ta' notifikazzjoni tal-proġett.

↓ 1651/2003 Art. 1.5 (adattat)

Artikolu ~~11.a~~ 15

Implementazzjoni tal-baġit

1. Id-Direttur għandu jimplimenta l-baġit taċ-Ċentru.

2. Mill-inqas sa l-1 ta' Marzu, wara kull sena finanzjarja, l-uffiċjal tal-kontijiet taċ-Ċentru għandu jikkomunika l-kontijiet proviżorji lill-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni flimkien ma' rapport fuq l-amministarazzjoni tal-baġit u tal-finanzi għal dik is-sena finanzjarja. L-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni għandu jagħmel konsolidazzjoni tal-kontijiet proviżorji ta' l-istituzzjonijiet u korpi ddeċentralizzati skond l-Artikolu 128 tar-Regolament Finanzjarju ġenerali.

3. Mill-inqas sal-31 ta' Marzu wara kull sena finanzjarja, l-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni għandu jibgħat il-kontijiet proviżorji taċ-Ċentru lill-Qorti ta' l-Awdituri, flimkien ma' rapport fuq l-amministrazzjoni tal-baġit u tal-finanzi għal dik is-sena finanzjarja. Ir-rapport fuq l-amministrazzjoni tal-baġit u tal-finanzi għas-sena finanzjarja għandu wkoll jintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

4. Meta jkunu rċevuti l-osservazzjonijiet tal-Qorti ta' l-Awdituri fuq il-kontijiet proviżorji taċ-Ċentru, skond l-Artikolu 129 tar-Regolament Finanzjarju ġenerali, id-Direttur għandu jagħmel il-kontijiet finali taċ-Ċentru taħt ir-responsabbiltà tiegħu stess u jagħtihom lill-Bord tal-Ġestjoni għal opinjoni.

5. Il-Bord tal-Ġestjoni għandu jagħti opinjoni fuq il-kontijiet finali taċ-Ċentru.

6. Id-Direttur għandu, mill-inqas sa l-1 ta' Lulju wara kull sena finanzjarja, jibgħat il-kontijiet finali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri, flimkien ma' l-opinjoni tal-Bord tal-Ġestjoni.

~~7.~~ Il-kontijiet finali għandhom jiġu ppubblikati.

~~8.~~7. Id-Direttur għandu jibgħat lill-Qorti ta' l-Awdituri tweġiba għall-osservazzjonijiet tagħha mill-inqas sat-30 ta' Settembru. Għandu ukoll jibgħat din it-tweġiba lill-Bord tal-Ġestjoni.

~~9.~~8. Id-Direttur għandu jagħti lill-Parlament Ewropew, fuq it-talba ta' dan ta' l-aħħar, kwalunkwe informazzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni bla xkiel tal-proċedura ta' rilaxx għas-sena finanzjarja kkonċernata, kif stabbilit fl-Artikolu 146(3) tar-Regolament Finanzjarju ġenerali.

~~10.~~9. Il-Parlament Ewropew, fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill li jkun qed jaġġixxi b'maġġoranza kwalifikata, għandu, qabel it-30 ta' April tas-sena N + 2, jagħti rilaxx lid-Direttur fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena N.

~~11.~~10. Ir-regoli finanzjarji applikabbli għaċ-Ċentru għandhom jiġu adottati mill-Bord tal-Ġestjoni wara li tkun ġiet ikkonsultata l-Kummissjoni. Ma jistgħux ma jżommux mar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 fuq ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpijiet imsejħa fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 fuq ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit

ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej[21] kemm-il darba dan ma jkunx speċifikament meħtieġ għall-operazzjoni taċ-Ċentru u ma jkunx hemm il-kunsens minn qabel tal-Kummissjoni.

⇩ġdid

Artikolu 16

Il-ġlieda kontra l-frodi

Għall-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u attivitajiet illegali oħra, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1073/1999 dwar l-investigazzjonijiet magħmula mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) għandhom japplikaw mingħajr restrizzjonijiet għaċ-Ċentru.

Id-deċiżjonijet dwar l-iffinanzjar u l-implimentazzjoni tal-ftehim u l-istrumenti li joħorġu minnhom għandhom jistipulaw espliċitament li l-Qorti ta' l-Awdituri u l-OLAF għandhom jagħmlu, jekk meħtieġ, kontrolli fuq il-post fost dawk li jirċievu fondi miċ-Ċentru.

⇩ 302/93

Artikolu ~~14~~ 17

Privileġġi u immunitajiet

Il-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej għandhom ukoll ikunu applikabbli għaċ-Ċentru.

⇩302/93 (adattat)
⇨ġdid

Artikolu ~~15~~ 18

Regolamenti ta' l-Istaff

~~taċ-Ċentru għandhom ikunu suġġetti għar-Regolamenti u r-Regoli applikabbli għall-uffiċjali u l-impjegati l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej.~~ ⇨Ir-Regolamenti ta' l-Istaff ta' l-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, il-Kundizzjonijiet ta' l-impjieg ta' impjegati oħra tal-Komunitajiet Ewropej u r-regoli adottati b'mod konġunt mill-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet Ewropej għall-iskopijiet ta' l-applikazzjoni ta' dawk ir-Regolamenti ta' l-Istaff u kundizzjonjiet ta' l-impjieg għandhom japplikaw għall-istaff ta' l-Aġenzija.⇦

⇩ġdid

Ir-reklutaġġ ta' staff minn pajjiżi terzi wara l-konklużjoni tal-ftehim li ssir referenza għalihom fl-artikolu 21 għandhom, fi kwalunkwe każ, ikunu konformi mar-regolament ta' l-istaff ta' l-uffiċjali tal-Komunità Ewropea u l-kundizzjonijiet ta' l-impjieg ta' l-impjegati l-oħra tal-Komunità Ewropea.

---

[21] ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72, bil-Corrigendum ta' ĠU L 2, 7.1.2003, p. 39.

↓ 302/93 ⇨ġdid

Iċ-Ċentru għandu jeżerċita f'dak li jirrigwarda l-istaff tiegħu l-poteri li jingħataw lill-awtorità li tappunta.

Il-bord tal-ġestjoni għandu, bi qbil mal-Kummissjoni, jadotta r-regoli xierqa ta' l-implimentazzjoni ⇨ skond l-arranġamenti stipulati fl-Artikolu 110 tar-Regolamenti ta' l-Istaff ta' l-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kundizzjonijiet ta' l-impjieg ta' l-impjegati l-oħra tal-Komunità Ewropea.⇦

⇩ġdid

Il-Bord tal-Ġestjoni jista' wkoll jadotta dispożizzjonijiet sabiex jippermetti li esperti nazzjonali minn Stati Membri oħra jiġu impjegati b'self fl-Aġenzija.

↓ 302/93

Artikolu ~~16~~ 19

Responsabbilità

1. L-impenji kuntrattwali taċ-Ċentru għandhom ikunu regolati bil-liġi applikabbli għall-kuntratt ikkonċernat. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandu jkollha ġuriżdizzjoni permezz ta' klawsola ta' arbitraġġ li tkun inkluża f'kuntratt konkluż miċ-Ċentru.

2. Fil-każ ta' impenn mhux kontrattwali, iċ-Ċentru għandu, konformi mal-prinċipji ġenerali komuni għal-liġijiet ta' l-Istati Membri, jagħmel tajjeb għal xi ħsara mwettqa miċ-Ċentru jew mill-impjegati tiegħu fit-twettiq tad-doveri tagħhom. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandu jkollha ġuriżdizzjoni fi kwistjonijiet li ghandhom x'jaqsmu ma' kumpens għal dawn id-danni.

3. Ir-responsabbilta personali ta' l-impjegati lejn iċ-Ċentru għandha tkun regolata mid-dispożizzjonijiet li japplikaw għall-impjegati taċ-Ċentru.

↓302/93 (adattat)

Artikolu ~~12~~ 20

Kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet u korpi oħra ⌦ nazzjonali u internazzjonali ⌫

Bla ħsara għal relazzjonijiet li l-Kummissjoni jista' jkollha bis-saħħa ta' l-Artikolu ~~229~~ ⌦ 302 ⌫ tat-Trattat, iċ-Ċentru għandu attivament ifittex kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u ma' aġenziji kompetenti oħrajn governattivi u mhux governattivi fis-settur tad-droga partikolarment dawk Ewropej.

⇩ġdid

Din il-kooperazzjoni għandha tkun ibbażata fuq ftehimiet ta' ħidma konklużi ma' l-awtoritajiet u organizzazzjonijiet imsemmija. Dawn l-arranġamenti għandhom jiġu adottati mill-Bord tal-Ġestjoni fuq il-bażi ta' l-abbozz preżentat mid-Direttur u wara li l-Kummissjoni tkun tat l-

opinjoni tagħha. Fejn il-Kummissjoni tesprimi nuqqas ta' qbil ma' dawn l-arranġamenti, il-Bord tal-Ġestjoni għandu jadottahom b'maġġoranza ta' 4/5.

↓302/93 (ġdid) ⇨ġdid

Artikolu ~~13~~ 21

Pajjiżi mhux tal-Komunità

~~1.~~ Iċ-Ċentru għandu jinfetaħ għall-parteċipazzjoni minn dawk il-pajjiżi mhux tal-Komunità li jaqsmu l-interessi tal-Komunità u dawk ta' l-Istati Membri tagħha fl-għanijiet u x-xogħol taċ-Ċentru, fuq il-bażi ta' ftehim li jkun sar bejniethom u l-Komunità fuq il-bażi ta' l-Artikolu ~~235~~ ⇨ 300 ⇦ tat-Trattat.

~~2. Il-bord tal-ġestjoni jista' jieħu deċiżjoni dwar l-involviment ta' esperti proposti minn pajjiżi mhux tal-Komunità fi grupp ad hoc tax-xogħol imsemmija fl-Artikolu 2(2), suġġett għal xi impenn mill-partijiet interessati li josservaw ir-regoli msemmija fl-Artikolu 6.~~

Artikolu ~~17~~ 22

Ġuriżdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

Il-Qorti tal-Ġustizzja għandu jkollha ġuriżdizzjoni f'azzjonijiet miġjuba kontra ċ-Ċentru permezz tal-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu ~~173~~ ⌦ 230 ⌫ tat-Trattat.

Artikolu ~~18~~ 23

Rapport ⇨ ta' Evalwazzjoni ⇦

⇨Il-Kummissjoni għandha tagħti bidu għal evalwazzjoni esterna taċ-Ċentru kull sitt snin li sseħħ fl-istess żmien bħall-programmi ta' ħidma għal tliet snin taċ-Ċentru. Din l-evalwazzjoni għandha tinkludi wkoll is-sistema tar-Reitox. ⇦ ~~Matul it-tielet sena mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament,~~ Il-Kummissjoni għandha twassal ⇨ ir-rapport ta' evalwazzjoni ⇦ lill-Parlament Ewropew ⇨ , lill-Kunsill u lill-Bord tal-Ġestjoni ⇦ ~~u lill-Komunità rapport ta' progress dwar l-attivitajiet taċ-Ċentru, flimkien ma' proposti, jekk xieraq, biex ikunu modifikati u estiżi d-dmirijiet tiegħu, billi jittieħed kont, partikolarment, ta' l-evoluzzjoni tal-poteri tal-Komunità~~.

⇩ ġdid

F'dak il-kuntest, il-Kummissjoni għandha, jekk ikun xieraq, tippreżenta proposta għar-reviżjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament fid-dawl ta' l-iżviluppi dwar l-aġenziji regolatorji, f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-artikolu 251 tat-Trattat. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jeżaminaw din il-proposta u b'mod partikolari jikkunsidraw jekk il-kompożizzjoni tal-Bord tal-Ġestjoni jkollhiex bżonn tkun reveduta f'konformità mal-qafas ġenerali li għandu jkun adottat mill-aġenziji regolatorji Ewropej.

↓

Artikolu 24

Abrogazzjoni

Ir-Regolament (KE) Nru. 302/93 huwa b'dan irrevokat.

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness III.

↓302/93 (adattat)

Artikolu ~~19~~25

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ~~ta' wara d-deċiżjoni mill-awtoritajiet kompetenti dwar is-sede taċ-Ċentru~~ ⌦ tal-publikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea ⌫.

↓ 302/93

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ..., [].

Għall-Parlament Ewropew *Għall-Kunsill*

Il-President *Il-President*

↓ 302/93
⇨ġdid

ANNESS I

A. Ix-xogħol taċ-Ċentru għandu jitwettaq billi jingħata kas tal-poteri rispettivi tal-Komunità u ta' l-Istati Membri tagħha fil-qasam tad-droga, kif dawk il-poteri huma definiti bit-Trattat. ⇨Huwa għandu jkopri l-aspetti differenti tal-fenomenu tad-droga u d-dipendenza fuq id-droga, u s-soluzzjonijiet applikati. F'dan, iċ-Ċentru għandu jkun iggwidat mill-Istrateġiji tad-Droga u l-Pjani ta' Azzjoni adottati mill-Unjoni Ewropea. ⇦

L-~~informazzjoni miġbura miċ-Ċentru għandha tkun dwar~~ ⇨ EMCDDA għandu jiffoka fuq⇦ dawn l-oqsma ta' prijorità:

⇩ġdid

(1) il-monitoraġġ ta' l-istat tal-problema tad-droga, b'mod partikolari bl-użu ta' indikaturi epidemoloġiċi u oħrajn, u l-monitoraġġ ta' xejriet li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari dawk li jinvolvu l-użu ta' drogi differenti flimkien;

(2) il-monitoraġġ tas-soluzzjonijiet applikati għall-problemi relatati mad-droga;

(3) l-evalwazzjoni tar-riskji ta' sustanzi psikoattivi ġodda u tħaddim ta' sistema ta' informazzjoni rapida fir-rigward ta' l-użu tagħhom, kif ukoll dwar il-metodi l-ġodda ta' kif jintużaw is-sustanzi psikoattivi eżistenti ;

(4) l-iżvilupp ta' għodda u strumenti biex tkun iffaċilitata l-ħidma ta' l-Istati Membri fil-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-*policies* nazzjonali tagħhom u l-ħidma tal-Kummissjoni Ewropea fil-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-*policies* ta' l-Unjoni.

↓ 302/93

~~1. it-talba u t-tnaqqis fit-talba għad-droga;~~

~~2. strateġiji u xejriet nazzjonali u tal Komunità (b'enfasi speċjali dwar strateġiji internazzjonali, bilaterali u tal Komunità, pjanijiet ta' azzjoni, leġislazzjoni, attivitajiet u ftehim);~~

~~3. koperazzjoni internazzjonali u ġeopolitika ta' fornitura (b'enfasi speċjali dwar programmi ta' koperazzjoni u nformazzjoni dwar pajjiżi produtturi u ta' transitu);~~

4. kontrol fil-kummerċ tad-droga narkotika, sustanzi psikotropiċi u prekursuri, bħal ma hemm dispożizzjoni dwarhom fil-konvenzjonijiet relevanti internazzjonali, preżenti jew futuri, u atti tal-Komunità22;

5. Implikazzjonijiet tal-fenomenu tad-droga għal pajjiżi produtturi, konsumaturi u ta' transitu, fl-oqsma koperti bit-Trattat, inkluż ħasil tal-flus, skond l-atti relevanti, preżenti jew futuri tal-Komunità23.

↓ 302/93

B. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli liċ-Ċentru, għad-disseminazzjoni, l-informazzjoni u d-dettalji statistiċi li hija jkollha bis-saħħa tal-poteri tagħha.

↓ 302/93

C. Matul il-perjodu ta' l-ewwel tliet snin, attenzjoni speċjali għandha tingħata lit-talba u t-tnaqqis fit-talba.

---

22 Il-konvenzjonijiet internazzjonali relevanti preżentament effettivi jinkludu, partikolarment, il-Konvenzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti, sal-limiti li l-Komunità hija jew tista' tkun parti minnhom.
L-atti relevanti tal-Komunità preżentament effettivi jinkludu partikolarment ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3677/90 tat-13 ta' Diċembru 1990 li jesiġi miżuri li għandhom jittieħdu biex jiskoraġġixxu t-tixrid ta' ċerti sustanzi li jintużaw għall-produzzjoni illeċita ta' droga narkotika u sustanzi psikotropiċi.
Dan jinvolvi biss informazzjoni li l-Istati Membri huma obbligati li jfornu lill-Kummissjoni fuq il-bażi ta' leġislazzjoni eżistenti u futura tal-Komunità

23 Mill-atti relevanti tal-Komunità li huma preżentament effettivi, dak li jikkonċerna l-ħasil ta' flus hija d-Direttiva tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 1991 dwar il-prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja għall-għan tal-ħasil tal-flus.
Din tinvolvi biss informazzjoni li l-Istati Membri huma obbligati li jfornu lill-Kummissjoni fuq il-bażi ta' leġislazzjoni eżistenti u futura tal-Komunità

↑

ANNESS II

Ir-Regolament imħassar u l-emendi suċċessivi

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 302/93	ĠU L 36, 12.2.1993, p. 1.
Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3294/94	ĠU L 341, 30.12.1994, p. 7.
Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2220/2000	ĠU L 253, 7.10.2000, p. 1.
Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1651/2003	ĠU L 245, 29.9.2003, p. 30.

ANNESS III

Tabella ta' korrelazzjoni

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 302/93	Dan ir-Regolament
Artikolu 1	**Artikolu 1**
-	**Artikolu 1(3), it-tieni sentenza**
Artikolu 2(A), kliem ta' introduzzjoni	**Artikolu 2(a), kliem ta' introduzzjoni**
Artikolu 2(A)(1)	**Artikolu 2(a)(i), l-ewwel sentenza**
-	**Artikolu 2(a)(i), it-tieni sentenza**
Artikolu 2(A)(2) sa (5)	**Artikolu 2(a)(ii) sa (v)**
Artikolu 2(B), kliem ta' introduzzjoni	**Artikolu 2(b), kliem ta' introduzzjoni**
Artikolu 2(B)(6), l-ewwel sentenza	**Artikolu 2(b)(i), l-ewwel sentenza**
-	**Artikolu 2(b)(i), it-tieni sentenza**
Artikolu 2(B)(7)	**Artikolu 2(b)(ii)**
Artikolu 2(C), kliem ta' introduzzjoni	**Artikolu 2(c), kliem ta' introduzzjoni**
Artikolu 2(C)(8) sa (10)	**Artikolu 2(c)(i) sa (iii)**
-	**Artikolu 2(c)(iii), it-tieni sentenza**
Artikolu 2(D), kliem ta' introduzzjoni	**Artikolu 2(d), kliem ta' introduzzjoni**
Artikolu 2(D)(11) sa (14)	**Artikolu 2(d)(i) sa (iv)**
-	**Artikolu 2(d)(iv), l-ewwel sentenza**
Artikolu 3	**Artikolu 4**
Artikolu 4	**Artikolu 3**
Artikolu 5	**Artikolu 5**
Artikolu 5 (1)	**Artikolu 5(1), it-tieni sentenza**
-	**Artikolu 5(2), (a), (b) u (ċ)**
-	**Artikolu 5(3), (4) u (5)**
Artikolu 6	**Artikolu 6**
-	**Artikolu 6, l-ewwel sentenza**

Artikolu 6a	**Artikolu 7**
Artikolu 7	**Artikolu 8**
-	**Artikolu 8, titolu**
-	**Artikolu 8 (2)**
Artikolu 8	**Artikolu 9**
Artikolu 8(1)	**Artikolu 9(1), l-ewwel sentenza**
Artikolu 8(1)	**Artikolu 9(1), it-tieni sentenza**
Artikolu 8(2)	**Artikolu 9(2), l-ewwel sentenza**
-	**Artikolu 9(3)**
Artikolu 8(3)	**Artikolu 9(4)**
Artikolu 8(3)	**Artikolu 9(4), l-ewwel sentenza**
Artikolu 8(4)	**Artikolu 9(5)**
-	**Artikolu 9(5), it-tieni sentenza**
-	**Artikolu 9(6)**
Artikolu 8(5) u (6)	**Artikolu 9(7) u (8)**
-	**Artikolu 10**
Artikolu 9	**Artikolu 11**
Artikolu 9(1), l-ewwel subparagrafu	**Artikolu 11(1), l-ewwel subparagrafu**
-	**Artikolu 11(1), it-tieni subparagrafu**
-	**Artikolu 11(2)**
Artikolu 9(1), it-tieni subparagrafu	**Artikolu 11(3)**
Artikolu 9(1), it-tieni subparagrafu, mill-ewwel sas-sitt inċiż	**Artikolu 11(3), (a) sa (f)**
-	**Artikolu 11(3), (f), it-tieni sentenza**
-	**Artikolu 11(3), (g),**
Artikolu 9(1) is-seba' inċiż	**Artikolu 11(3), (h),**
-	**Artikolu 11(3) (i)**

Artikolu 9(2) u (3)	**Artikolu 11(4) u (5)**
-	**Artikolu 12**
Artikolu 10	**Artikolu 13**
Artikolu 10(2)	**Artikolu 13(2) l-ewwel, it-tieni u t-tielet subparagrafi**
Artikolu 10(3), (4) u (5)	**Artikolu 13 (4) u (5)**
Artikolu 11(1), (2), (3) u (4)	**Artikolu 14(1), (2), (3) u (4)**
Artikolu 11(4) (b)	**Artikolu 14 (4), l-ewwel sentenza**
Artikolu 11(5)	**Artikolu 14(5), l-ewwel subparagrafu**
Artikolu 11(6)	**Artikolu 14(5), it-tieni subparagrafu**
Artikolu 11(7) sa (10)	**Artikolu 14(6) sa (9)**
Artikolu 11a(1), (2), (3), (4) u (5)	**Artikolu 15(1), (2), (3), (4) and (5)**
Artikolu 11a(6)	**Artikolu 15(6), l-ewwel subparagrafu**
Artikolu 11a(7)	**Artikolu 15(6), it-tieni subparagrafu**
Artikolu 11a (8) sa (11)	**Artikolu 15(7) sa (10)**
-	**Artikolu 16**
Artikolu 12	**Artikolu 20**
-	**Artikolu 20, it-tieni subparagrafu**
Artikolu 13(1)	**Artikolu 21**
Artikolu 13(2)	**-**
Artikolu 14	**Artikolu 17**
Artikolu 15	**Artikolu 18**
-	**Artikolu 18, it-tieni subparagrafu**
Artikolu 15, it-tielet subparagrafu	**Artikolu 18, ir-raba' subparagrafu, l-aħħar sentenza**
-	**Artikolu 18, il-ħames subparagrafu**
Artikolu 16	**Artikolu 19**

Artikolu 17	**Artikolu 22**
Artikolu 18	**Artikolu 23**
-	**Artikolu 23, l-ewwel sentenza**
	Artikolu 23, it-tieni subparagrafu
-	**Artikolu 24**
Artikolu 19	**Artikolu 25**
Anness, punt A, l-ewwel paragrafu	**Anness I, punt A, l-ewwel paragrafu**
-	**Anness I, punt A, it-tieni paragrafu**
	Anness I, punt A (1) sa (4)
Anness I, punt A, 1 sa 4	**-**
Anness, punt B	**Anness I, punt B**
Anness, punt C	**-**
-	**Anness II**
-	**Anness III**